32006D0265

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Marzu 2006

dwar ċerti miżuri ta' ħarsien li għandhom x'jaqsmu ma' suspett ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja fl-Iżvizzera

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 1107)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/265/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 18(1) u (6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistipola l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jkunu ser jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 (1), (5) u (6) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) 998/2003 tas-26 ta' Mejju 2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa ta' l-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza tat-tjur hija marda virali infettiva fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar, li tikkawża mortalità u disturbi li malajr jistgħu jiżviluppaw fi proporzjonijiet epiżootiċi li kapaċi jwasslu għal theddida serja għas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali u li jnaqqsu sew il-profittabbiltà tat-trobbija tat-tjur ta' l-irziezet. Hemm riskju li l-aġent tal-marda jista' jiddaħħal permezz tal-kummerċ internazzjonali fit-tjur ħajjin u fil-prodotti tat-tjur.

(2) L-Iżvizzera nnotifikat lill-Kummissjoni bl-iżolament ta' virus H5 ta' l-influwenza tat-tjur miġbur minn każ kliniku fi speċi selvaġġa. L-istampa klinika tagħti lok għal suspett ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja fl-istennija tad-determinazzjoni tat-tip ta' neuraminidase (N) u ta' l-indiċi ta' patoġeniċità.

(3) Fid-dawl tar- riskju għas-saħħa ta' l-annimali li jirrappreżenta d-dħul fil-Komunità ta' marda, huwa għalhekk xieraq li bħala miżura immedjata tiġi sospiża l-importazzjoni mill-Iżvizzera ta' tjur ħaj, ratiti, tjur tal-kaċċa u bir-rix sew ta' l-irziezet kif ukoll selvaġġi, għasafar ħajjin għajr it-tjur, u bajd li jfaqqas ta' dawn l-ispeċijiet.

(4) Barra minn hekk, l-importazzjoni fil-Komunità mill-Iżvizzera għandha tiġi sospiża fir-rigward tal-laħam frisk ta' tjur selvaġġi tal-kaċċa bir-rix u l-importazzjoni ta' laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam, laħam isseparat mekkanikament u prodotti tal-laħam li jikkonsistu fi, jew li fihom, laħam ta' dawn l-ispeċijiet.

(5) Ċerti prodotti li ġejjin mit-tjur ta' l-irziezet maqtula qabel l-1 ta' Frar 2006 għandhom ikomplu jiġu awtorizzati, fil-waqt li jitqies il-perjodu ta' l-inkubazzjoni tal-marda.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/432/KE ([4]) li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika u mudelli ta' ċertifikat għall-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 97/41/KE, 97/221/KE and 97/222/KE, tistipula lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam u tistabbilixxi sistemi ta' trattament li huma meqjusa effikaċi fid-diżattivazzjoni tal-patoġeni rispettivi. Bħala prevenzjoni tar-riskju tat-teħid tal-mard permezz ta' prodotti bħal dawn, jeħtieġ li jiġu applikati trattamenti adegwati skond l-istatus ta' saħħa tal-pajjiż ta' l-oriġni u l-ispeċi li minnha l-prodott huwa derivat. Għalhekk jidher f'loku li l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam tat-tjur tal-kaċċa bir-rix li joriġinaw mill-Iżvizzera u li huma pproċessati sa temperatura ta' għall-inqas 70 °Ċ fil-prodott kollu kemm hu għandhom jibqgħu awtorizzati.

(7) Għandu jiġi kkunsidrat il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-kummerċ tal-prodotti agrikoli (il-"Ftehim") ([5]).

([1]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

([2]) ĠU L 24, 31.1.1998, p. 9. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni kkoreġuta ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

([3]) ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 18/2006 (ĠU L 4, 7.1.2006, p. 3).

([4]) ĠU L 151, 14.6.2005, p. 3.

([5]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

(8) Wara n-notifika ta' iżolament ta' vajrus ta' l-influwenza tat-tjur H5 miġbur minn każ kliniku fi speċi selvaġġa, saru konsultazzjonijiet bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Żvizzeri skond l-Artikolu 20 (1) ta' l-Anness 11 mal-Ftehim. Bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet adattati skond din id-dispożizzjoni, l-Iżvizzera nnotifikat li se tapplika miżuri ekwivalenti għal dawk adottati fil-Komunità skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/115/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni rigward influwenza ta' tjur ta' patoġeniċità għolja fit-tajr selvaġġ fil-Komunità li tirrevoka -d-Deċiżjonijiet 2006/86/KE, 2006/90/KE, 2006/91/KE, 2006/94/KE, 2006/104/KE u 2006/105/KE [1] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/135/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni rigward l-influwenza ta' patoġeniċità għolja fit-tjur ta' l-irziezet fil-Komunità [2].

(9) L-Iżvizzera nnotifikat l-intenzjoni tagħha li tgħarraf lill-Kummissjoni minnufih dwar kwalunkwe bidliet futuri fl-istatus kontinwu tas-saħħa ta' l-annimali fl-Iżvizzera, inkluż b'mod speċifiku kwalunkwe tifqigħat oħra ta' l-influwenza tat-tjur li għandu mnejn iseħħ u ż-żoni kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika dawk iż-żoni immedjatament lill-Istati Membri.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjoni jew l-introduzzjoni fil-Komunità ta' kulma jissemma hawn taħt mill-parti tat-territorju ta' l-Iżvizzera li jirreferi għaliha l-Anness:

— tjur ħaj, ratiti, tjur tal-kaċċa u bir-rix sew ta' l-irziezet kif ukoll selvaġġ, għasafar ħajjin għajr it-tjur kif definiti fl-Artikolu 1, it-tielet inċiż, tad-Deċiżjoni 2000/666/KE, inklużi għasafar li jakkumpanjaw is-sidien tagħhom (għasafar tad-dar), u bajd li jfaqqas ta' dawn l-ispeċijiet,

— laħam frisk tat-tjur tal-kaċċa selvaġġi,

— laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam isseparat mekkanikament u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn, jew li fihom, laħam ġej minn tjur tal-kaċċa selvaġġi,

— ikel nej għall-annimali tad-dar u materjal mhux ipproċessat għall-għalf li fih kwalunkwe parti minn tjur tal-kaċċa selvaġġi, u

— oġġetti kkaċċjati mhux trattati minn kwalunkwe' għasfur.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti koperti mill-paragrafu 1, it-tieni sar-raba' inċiż, li jkunu nkisbu minn annimali maqtula qabel l-1 ta' Frar 2006.

3. Fiċ-ċertifikati veterinarji/fid-dokumenti kummerċjali li jakkumpanjaw il-konsenji tal-prodotti li jissemmew fil-paragrafu 2, il-kelmiet li ġejjin, kif japplikaw b'mod xieraq għall-ispeċi, għandhom jiġu inklużi:

"Laħam frisk ta' tjur tal-kaċċa selvaġġi/laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam isseparat mekkanikament jew prodotti tal-laħam li jikkonsistu fi, jew li fihom laħam minn tjur tal-kaċċa selvaġġi/ikel nej intenzjonat għall-annimali tad-dar u materjal ta' l-għalf mhux ipproċessat li fih kwalunkwe partijiet ta' tjur tal-kaċċa selvaġġi (*) miksub minn għasafar maqtula l-1 ta' Frar 2006 u skond l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni K(2006)1107 finali.

(*) Ingassa skond il-każ."

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam li jikkonsistu fi, jew li fihom laħam tat-tjur selvaġġ bir-rix bil-kundizzjoni li l-laħam ta' dawn l-ispeċijiet ikun għadda minn talanqas wieħed mill-proċessi msemmija taħt il-punti B, C jew D fil-Parti IV ta' l-Anness II mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/432/KE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom minnufih jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u jippubblikaw dawk il-miżuri. Huma għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd sal-31 ta' Mejju 2006.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-31 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 48, 18.2.2006, p. 28.
[2] ĠU L 52, 23.2.2006, p. 41.

ANNESS

Parti mit-territorju ta' l-Iżvizzera msemmija fl-Artikolu 1(1)

Kodiċi ISO tal-pajjiż	Isem il-pajjiż	Il-parti tat-territorju
CH	l-Iżvizzera	Fl-Iżvizzera: iż-żoni kollha tat-territorju ta' l-Iżvizzera li l-awtoritajiet Żvizzeri applikawlhom formalment restrizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/115/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/135/KE.